**PARROCCA SANTA MARGERITA—SANNAT**
**Tel./Fax : 2155 1435. Email: sannatparish@keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 8.1.12: SOLENNITA' TAL-EPIFANIJA TAL-MULEJ.**
**Fil-11.15a.m.** se ssir laqgħa oħra ta' formazzjoni għall-Għarajjes fil-kors ta' tħejjija għaż-żwieġ
Din tkun fis-sala tad-Dar Parrokkjali.
Il-ġabra li ssir llum fil-knisja tkun għar-restawri.
**IT-TNEJN, 9.1.12: FESTA TAL-MAGĦMUDIJA TAL-MULEJ**
Xieraq li nieħdu sehem fil-quddiesa.
**IT-TLIETA, 10.1.12: GRUPP TAL-KELMA TA' ALLA**
**Fis-6.30p.m.** se ssir l-laqgħa tal-Grupp tal-Kelma ta' Alla, (Lectio Divina).
Din tkun fis-sala tad-dar Parrokkjali.
**IL-ĦAMIS: ADORAZZJONI**
kull nhar ta' Ħamis fil-għaxija wara l-quddiesa ikun hawn ftit ħin ta' Adorazzjoni. Kulħadd mistieden jieħu sehem.
**IL-ĠIMGĦA, 13.1.12: LAQGĦA TFAL TAL-GRIŻMA**
**Fil-5.00p.m.** se ssir laqgħa oħra għal dawk kollha li din is-sena se jirċievu s-Sagrament tal-Griżma.
Din se tkun fid-Dar Parrokkjali. Dawn kollha huma mitluba li jkunu preżenti u jġibu magħhom x-xogħol li kellhom jagħmlu mill-aħħar laqgħa.
**IL-ĦADD, 15.1.12: IT-TIENI ĦADD MATUL IS-SENA.**
Illum iċ-Ċentru tad-Demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex ser ikun miftuh għall-kumdita' ta' min jixtieq jagħti d-demm. Il-ħin ser ikun mit-8:30am sas-1:00pm.
Il-pubbliku hu mħeġġeġ biex bi ħġaru jkompli jagħti d-demm. Importanti li kull min jitħajjar jagħmel dan il-ġest tant nobbli jġib miegħu l-Karta tal-Identita'.

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DĦUL FIL-KINDER 1 FL-ISKEJJEL TAL-KNISJA

It-Tnejn 16 ta' Jannar jiftħu l-applikazzjonijiet għall-Kinder 1. Il-formoli tal-applikazzjoni jinġabru mill-Kurja, mit-Tnejn 16 sal-Ġimgħa 20 ta' Jannar (minbarra l-Ħamis), mit-8.30 sal-11.30am.
Dawk li se jibagħtu lil uliedhom fl-iskejjel Franġiskani tan-Nadur, Qala u Xagħra fil-Kinder 1 u Kinder 2 biss, mingħajr ma jkomplu l-Year 1 fl-iskejjel tal-Knisja, jiġbru formola partikulari mill-Kurja wkoll jew mill-iskejjel imsemmija.
L-applikazzjonijiet kollha, mimlija kif suppost, ghandhom jittieħdu l-Kurja sa mhux aktar tard mill-11.30am tal-Ġimgħa 27 ta' Jannar.

**KONFERENZA PUBBLIKA**

Il-Fondazzjoni OASI qed torganizza Konferenza Pubblika li fiha se jingħata tagħrif dwar iż-Żgħażagħ Għawdxin fil-proġett "Young People in Gozo.
Din il-Konferenza se tkun fil-lukanda Grand Hotel, Mġarr, Għawdex, nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Jannar fid-9.00a.m.
Kulħadd huwa mistieden.
Min jixtieq jattendi jrid icempel il-Fondazzjoni Oasi fuq in-Numru 21563333

## ABBATINI GODDA.

Se nibdew laqgħat ta' formazzjoni għall-Abbatini l-Ġodda fil-Parroċċa tagħna. Dawk it-tfal subien li huma minn year 3 'l fuq u jixtiequ jibdew jagħtu s-servizz tagħhom fil-knisja bħala abbatini, huma mitluba biex ikellmu lill-Arċipriet, mhux iktar tard minn nhar il-Ħadd, 22 ta' Jannar.
It-tfal li jiġu jinkitbu għal dan is-servizz irid ikollhom l-approvazzjoni tal-Ġenituri tagħhom.